

31997F0372

17.6.1997

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 159/1

AZZJONI KONĠUNTA

tad-9 ta' Ġunju 1997

adottata mill-Kunsill fuq il-bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea, sabiex jiġu rfinati l-kriterji għall-kontrolli mmirati, il-metodi ta' selezzjoni, eċċ., u l-għbir ta' informazzjoni doganali u tal-pulizija

(97/372/JHA)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu K.3 (2) (b) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-importanza tat-titjib ta' l-effettività ta' l-azzjoni fil-għlied kontra it-traffikar tad-droga,

Wara li kkunsidra r-rapport mill-Grupp ta' Esperti fuq id-Drogi, approvat fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew f'Madrid fl-1995, li inkluda proposta biex jiġu rfinati l-kriterji għall-kontrolli mmirati, il-metodi ta' selezzjoni eċċ., u l-għbir ta' informazzjoni doganali u tal-pulizija,

Wara li kkunsidra il-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 fuq l-użu tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni għall-għanijiet doganali (Konvenzjoni CIS) ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill tad-29 ta' Novembru 1996 fuq il-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u l-organizzazzjonijiet tal-kummerċ fil-għlied kontra t-traffikar tad-droga ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-mandat tal-Kunsill tad-29 ta' Novembru 1996 fuq l-arranġamenti riveduti u approvati għal operazzjonijiet konġunti ta' sorveljanza doganali,

Wara li kkunsidra ir-resoluzzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Novembru 1996 dwar it-tfassil ta' ftehim bejn il-pulizija u d-dwana fil-għlied kontra d-droga ⁽³⁾,

Billi l-kriterji għall-kontrolli mmirati, il-metodi strutturati għas-selezzjoni, eċċ. u użu iktar effikaċi ta' informazzjoni doganali u tal-pulizija huma strumenti importanti għall-ippjanar effiċjenti ta' miżuri biex jinfurzaw il-liġi fil-għlied kontra t-traffikar tad-droga;

Billi, fimplimentazzjoni tal-liġi doganali, l-użu tal-kriterji għall-kontrolli mmirati, u l-metodi strutturati għas-selezzjoni huma ddisinjati biex jiffokaw il-kontrolli doganali fuq sitwazzjonijiet fejn hemm riskju għoli ta' kuntrabandu tad-drogi, filwaqt li jippermettu *clearance* doganali veloċi ta' traffiku leġittimu ta' passiġġieri u merkanzija;

Billi l-użu ta' kriterji għall-kontrolli mmirati, metodi strutturati għas-selezzjoni, eċċ., jippermettu l-awtoritajiet doganali jiffissaw prijoritajiet b'mod aħjar, b'tali mod li r-riżorsi tagħhom ikunu jistgħu jintużaw għall-aħjar effett possibbli;

Billi l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet internazzjonali bħall-EDU/Europol, l-Organizzazzjoni Dinjija Doganali u l-Interpol għandhom rwol importanti fl-iskambju ta' informazzjoni;

Billi l-awtoritajiet doganali għandhom jaġġustaw u jirrivalutaw kontinwament il-prijoritajiet tagħhom skond tibdil fiċ-ċirkostanzi jew informazzjoni ġdida, peress illi hija xi ħaġa komuni li l-kuntrabandisti tad-droga jbidlu r-rotta magħżula għall-kuntrabandu tagħhom fi żmien qasir għal fruntieri fejn, skond informazzjoni li kellhom minn qabel jew mod ieħor, hu maħsub li l-kontrolli doganali mhumiex daqshekk intensivi,

⁽¹⁾ ĠU C 316, tas-27.11.1995, p. 33.

⁽²⁾ ĠU L 322, tat-12.12.1996, p. 3.

⁽³⁾ ĠU C 375, tat-12.12.1996, p. 1.

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

Il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi f'dawn l-operazzjonijiet għandha tkun imħeġġa, meta approprijat.

Artikolu 1

L-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri għandhom jistinkaw biex jagħmlu użu aħjar mill-kriterji għall-kontrolli mmirati u l-metodi strutturati għas-selezzjoni, u l-ġbir ta' informazzjoni doganali u tal-pulizija fil-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet għandhom jieħdu l-miżuri li ġejjin fi ħdan il-possibiltajiet ġudizzjarji u prattiċi li diġà jeżistu previsti fl-Artikoli 2 sa 8.

Artikolu 6

L-awtoritajiet doganali, tal-pulizija u awtoritajiet oħrajn ta' l-Istati Membri li għandhom id-dmir li jinfurzwaw il-liġi, meta approprijat, għandhom jintensifikaw l-iskambju reċiproku ta' tagħrif u informazzjoni li qegħda għad-disposizzjoni tagħhom. Dan għandu japplika fuq livell nazzjonali, ta' l-Unjoni Ewropea u internazzjonali u għandu jinkludi istituzzjonijiet oħra ta' l-Unjoni Ewropea u internazzjonali.

Artikolu 2

L-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri għandhom jagħmlu użu aħjar mill-informazzjoni, li huma disponibbli mis-setturi kollha tal-kummerċ ikkonċernati, b'mod partikolari mis-settur tat-trasport.

Artikolu 7

L-awtoritajiet ta' infurzar tal-liġi fl-Istati Membri għandhom, meta approprijat, janalizzaw it-tagħrif u l-informazzjoni disponibbli.

Artikolu 3

L-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri għandhom isaħħu l-iskambju reċiproku ta' tagħrif u informazzjoni għall-finijiet ta' l-analiżi tar-riskju. Sakemm l-iżvilupp tat-tħaddim tad-database tas-CIS, l-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri għandhom jagħmlu użu akbar mis-sistema tal-mailbox elettroniku tas-CIS għall-iskambju ta' data ta' tagħrif imsemmi qabel.

Artikolu 8

L-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri għandhom ifasslu linji gwida dwar l-aħjar prattika sabiex iħeġġu l-użu akbar ta' metodi ta' teknika li janalizzaw ir-riskju.

Artikolu 4

L-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri għandhom jagħmlu użu akbar mis-sistemi kollha ta' informazzjoni doganali Ewropej li qegħdin għad-disposizzjoni dwar il-traffiku tal-baħar, tal-ajru-, fuq l-art u oħrajn (eż AIR-Info, BALKAN-Info, CARGO-Info, MAR-Info, YACHT-Info).

Artikolu 9

Din l-Azzjoni Konġunta għanda tidħol fis-seħħ fid-data meta tiġi adottata.

Artikolu 5

L-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri għandhom itejjbu l-proċeduri tal-kontrolli mmirati billi jorganizzaw operazzjonijiet konġunti ta' sorveljanza doganali internazzjonali kif stabbilit fl-arranġamenti riveduti f'dan il-qasam li ġew approvati mill-Kunsill tad-29 ta' Novembru 1996.

Artikolu 10

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppublikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Magħmula fil-Lussemburgu, fid-9 ta' Ġunju 1997.

Għall-Kunsill

Il-President

G. ZALM